MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2010

Numru. 169/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Theresa Bellotti**
**Antonia Attard sive Bellotti**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Theresa Bellotti nee' Lucchese ta' 61 sena, bint Aurelio Lucchese u Rita nee' Falzon, imwielda Cospicua fit-28 ta' Novembru 1948, residenti f' 107, Triq Matty Grima, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita' numru 1013848(M) u l-imputata Antonia Attard nee' Bellotti ta' 41 sena, bint Joseph Bellotti u Theresa nee' Lucchese, imwielda Pieta' fis-7 ta' Lulju 1968, residenti f' Leamar, Flat 2, Triq San Tumas, Tarxien u detentrici tal-

karta tal-identita' bin-numru 276368(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Dicembru 2009 u/jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircevew minghand Maria Concetta sive Miriam Flores minn Bormla, jew kisbu minghand l-istess Maria Concetta sive Miriam Flores minn Bormla, xi weghda li jinghataw, lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak permess bil-ligi.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 298C(5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Jannar 2010 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2010 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tad-9 ta' Gunju, 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li

ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li intlahaq ftehim mal-parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 299C u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom, kif minnhom ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------